SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 17/K9/20

Data tal-laqgħa: 16 ta' April 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' permezz ta' video conference minħabba s-sitwazzjoni preżenti u għalhekk il-membri ingħataw l-aċċess għal programm ta *video conferences* fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 11293-20)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

17.01 Qabel bdiet il-laqgħa twasslu l-kondoljanzi lill-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-familja tagħha minħabba t-telfa tal-għażiża oħta.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

17.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**17.2 Approvazzjoni tal-Minuti 16/K9/20**

17.2.01 Il-Kunsillier John Agius talab li jitniżżel li ma setax jattendi minħabba li ma kellux aċċess għaż-zoom.

17.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab kjarifika li kien hemm qbil fuq miż-żewġ leġislazzjonijiet tal-Kunsill, li nappoġġjaw it-talba tal-Club tal-Waterpolo anke permess tal-fondi tal-Planning Funds.

17.2.03 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 16.5.03.01 din tinqara għal Triq Ġorġ Borġ Olivier minflok Triq Ċensu Tabone.

17.2.04 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 16/K9/20.

17.2.05 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 16/K9/20.

17.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

17.2.07 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 16.2.10, huwa ġie nfurmat li l-Viċi Sindku tkellem ma' Daniele Armeni.

17.2.08 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 16.4.01, dwar it-toroq li qed isiru. Wara Triq Bonavita, ser tkun qed issir Triq Lapsi kemm in-naħa ta' fuq kif ukoll in-naħa t'isfel

17.2.09 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar jekk kienetx intbagħatet l-ittra lin-Neptunes Water Polo Club, is-Segretarju nfurmah li din kienet intbagħatet.

17.2.10 Tender – Paul tkellem ma l-Avukat, dawk li m'għandhomx il-BOQ tajba jiġu skwalifikati fuq il-Ġnien ta' San Mikiel. Hemm 2 bidders li kellhom l-BOQ mimlija ħażina għalhekk dawn għandhom jiġu skwalifikati u għandha tintagħżel l-offerta tal-Mica Med li għalkemm din l-offerta ma kienetx l-irħas kienet l-unika offerta li kienet in regola. Ghalhekk il-Kunsill qabel li din l-offerta tingħata lill-Mica Med.

17.2.11 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt dwar 16.2.16 fejn talab li terġa' tintbagħat reminder lill-Faces dwar il-bus shelter ta' Ta' Ġiorni.

17.2.12 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula qajjem il-punt 16.4.05 dwar iż-zebra crossing li saret fi Triq Wied Għomor din għadha ma tneħħietx. Huwa ġie nfurmat li din ser titneħħa.

17.2.13 Tqajjem il-punt dwar 16.3.06 fir-rigward ix-xogħol tal-*bus shelter* tal-Balluta, dan għadu ma twaħħalx għaliex qed jistennew *bus shelters* ġodda.

17.2.14 Tqajjem il-punt dwar 16.3.07 dwar Xatt is-Sajjieda, fejn sar xi xogħol mill-FTZ u nżebħu l-bibien tal-boat houses.

17.2.15 16.3.09 - Triq Ivo Muscat Azzopardi fejn sfrudat it-triq ħdejn Pender Garden, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandha nieħdu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

17.2.16 16.4.07 - l-istaff ħafna minnhom qed jaħdmu teleworking, is-Segretarju talab li s-Sibtijiet, l-uffiċċju jinżamm magħluq. Ic-cheques ser jipprovaw jinqatgħu u jibda jsir bil-*bank transfer*. Il-Kunsill qabel.

17.2.17 Is-Segretarju ppropona biex is-servizz ta' diżinfettar li qed isir mill-kumpanija SAC, fejn din għandha ssir darba fil-ġimgħa u mhux kull ħmistax. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**17.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

17.3.01 Ma kienx hemm kommunikazzjoni miċ-Ċermen.

**17.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

17.4.01 Il-Kunsillier Sean Gauci qajjem il-punt dwar biċċa triq li hemm int u nieżel min ħdejn il-BOV tal-Balluta li qeda bla tarmac huwa ġie nfurmat li dan għadu ma saritx x-xogħol.

17.4.02 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar deċiżjonijiet li qed jieħu is-Sindku waħdu, fosthom l-Kunsillier John Agius semma' artiklu li deher fuq il-gazzetta fejn is-sidien li qed japplikaw għall-moll fil-Balluta sostnew li s-Sindku kien gideb meta semgħa xi ċifri fl-istqarrija. Iċ-Ċermen ċaħad dawn l-akkużi.

17.4.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hemm proposta biex jneħħu Wied Għomor minn żona protetta.

17.4.05 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula kien għamel proposta dwar mirjiet biex isiru faċċata ta' kull triq. Triq il-Palm u Triq l-Oleandru għandhom bżonn jsiru r-road humps. Huwa qajjem il-punt dwar Triq Bonavita, mhux qed javża speċjalment lill-min għandhu l-garaxxijiet sabiex ikunu jistgħu joħorġu bil-karozzi.

17.4.06 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet jekk hemmx xi talba sabiex issir Triq Birkirkara maż-żmien. Hija ġiet infurmata li s'issa mhemmx.

17.4.08 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar l-ikel tal-qtates, huwa ġie nfurmat li l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qed tieħu ħsieba u qed jinġabru l-boroz ta' l-ikel mingħanda.

17.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni sabiex l-ammont tal-Pulizija li huwa ta' €4,229.71 u l-ammont ta' Marco Polo Hostel li huwa ta' €41.30 jiġu *written off* mill-accounts tal-Kunsill. Dan qed isir abażi li dawn l-ammonti huma pendenti għal-numru ta' snin. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

17.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill kellu kuntratt man-notebook centre sabiex min ikollu l-computer bil-ħsara ikun jista' jiġbor voucher mill-Kunsill. Din skadiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser terġa ssir subject li min-naħa tiegħu isir advertising.

**17.5 Rapport Amministrattiv 2019**

17.5.01 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni ir-Rapport Amministrattiv 2019 u ta spjegazzjoni tiegħu. Ara Appendiċi 'A'.

17.5.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019.

17.5.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondah fl-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019.

17.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.5 Talbiet żgħar**

**17.5.01 Email dwar Erasmus + Sports Action (Inc. 11098/20)**

17.5.01.01 Wara diskussjoni qasira ser ikun qed jieħu ħsieba l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

17.5.02 **Applikazzjoni ghall-Life Calls for proposals 2020 & List of Life Application Call (Inc. 1111/20)**

17.5.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax għaliha.

**17.5.03 Talba mingħand il-Wok to Walk fi Triq San Ġorġ għall-un/loading bay.**

17.5.03.01 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

**17.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

17.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5072 sa 5076 (Ara Appendiċi 'B')

17.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**17.7 Skeda tal-Pagamenti**

17.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

17.7.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

17.7.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekonda.

**17.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

17.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju 2020 fil-5.00p.m.

17.8.02 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45p.m.

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 21 ta' Mejju 2020